

**Brussell, 27 ta' Ottubru 2025
(OR. en)**

**14484/1/25
REV 1**

**ECOFIN 1416
ENV 1101
CLIMA 477
FIN 1251
ECB
*EIB***

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Konklużjonijiet dwar il-finanzjament għall-klima bil-ħsieb tal-Konferenza tan-NU tal-2025 dwar it-Tibdil fil-Klima (COP30) (Belém, 10-21 ta' Novembru 2025): paragrafu 16 ġdid – Konklużjonijiet tal-Kunsill (27 ta' Ottubru 2025)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness paragrafu 16 ġdid tal-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Finanzjament Internazzjonali għall-Klima bil-ħsieb tat-30 Konferenza tal-Partijiet tal-UNFCCC (COP 30), adottati mill-Kunsill fis-27 ta' Ottubru 2025. Dan il-paragrafu jissostitwixxi l-paragrafu 16 preċedenti tal-konklużjonijiet imsemmija dwar il-finanzjament internazzjonali għall-klima adottati mill-Kunsill fl-10 ta' Ottubru 2025 (li jinsabu fid-dokument 13732/25).

**ADDENDUM GĦALL-KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL DWAR IL-FINANZJAMENT
INTERNAZZJONALI GĦALL-KLIMA (SOSTITUZZJONI TAL-PARAGRAFU 16)**

JENFASIZZA l-kontribut tal-UE u tal-Istati Membri tagħha fis-sena 2024 b'appoġġ għall-azzjoni klimatika fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw, ta' EUR 31.7 biljun¹ f'finanzjament pubbliku internazzjonali, u ta' EUR 11.0 biljun² f'finanzjament privat mobilizzat.

-
- ¹ Din iċ-ċifra tinkludi sorsi ta' finanzjament għall-klima minn baġits pubbliċi u istituzzjonijiet finanzjarji oħra għall-iżvilupp, u hija kkalkulata abbażi ta' impenji għal kontribuzzjonijiet bilaterali u żborżi multilaterali, kif irrappurtati mill-Istati Membri abbażi tal-Artikolu 19.3 tar-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018. Din tinkludi wkoll EUR 4.6 biljun f'finanzjament għall-klima mill-Baġit tal-UE u l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp, inkluż EUR 2.4 biljun mill-fondi tal-Bank Ewropew tal-Investment.
- ² Iċ-ċifra tirrigwarda l-appoġġ finanzjarju privat mobilizzat permezz ta' interventi pubbliċi (ggaranziji, self sindakat, investment dirett f'kumpaniji, linji ta' kreditu, eċċ.). Ma tinkludi l-ebda ammont ta' finanzjament pubbliku utilizzat għall-mobilizzazzjoni ta' dan l-appoġġ finanzjarju privat.